MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1649/2000/1

**Elaine Angela Delmar**

**vs**

**Domenico Madonia, zewg Elaine Angela Delmar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Awissu 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti izzewgu fis-26 ta' Gunju 1999, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

Illi z-zwieg tal-kontendenti gie rregistrat fir-registru Pubbliku permezz ta' Att taz-Zwieg numru elf erba' mija tmienja u disghin tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1498/1998);

Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg huwa vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijietu dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba nkapacita' li jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ukoll l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat minhabba simulazzjoni;

Illi dana kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-attrici mal-konvenut huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-26 ta' Lulju 1999 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zweg likopja tieghu hi hawn annessa (Dokument "A").

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datati 7 ta' Frar 2001, 18ta' Gunju 2001 u 26 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datati 3 ta' Dicembru 2001 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-esponent jaqbel illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null a bazi tar-ragunijiet moghtija mill-attrici pero bis-segwenti modifika zghira:--

(2) Illi fejn l-attrici qed titlob illi z-zwieg jigi ddikjarat null minhabba nkapacita' tal-konvenut li jassumi d-drittijiet u dmirjiet essenzjali taz-zwieg, l-esponent jirrileva illi tali nkapacita' kienet tezisti fiz-zewg kontendenti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kif inghad tas-7 ta' Frar 2001 fejn l-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh. Il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey sabiex jigbor il-provi u jirrelata; tat-18 ta' Gunju 2001 fejn l-attrici giet awtorizzata tipprezenta x-xhieda taghha b'affidavit; tas-26 ta' Novembru, 2001.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 12 ta' Dicembru 2001 fejn l-attrici pprezentat l-affidavit ta' Josman Delmar.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 17 ta' Mejju 2002 fejn l-attrici pprezentat l-affidavit ta' Josman Delmar.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' April 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta tal-24 ta' Ottubru, 2002 fejn d-difensur ta' l-attrici ddikjara illi l-attrici kienet ghalqet il-provi taghha. Rat illi fl-istess verbal, il-konvenut inghata erbghin jum sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu, u l-Perit Legali gie ordnat jiffissa zewg (2) seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut u wara jirrelata; tad-9 ta' April 2003 fejn il-Qorti nnotat li d-digriet taghha tal-24 ta' Ottubru 2002 ma giex osservat u rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali u ordnatlu jirritorna l-process lura minnufih. Il-Qorti ddikjarat wkoll il-provi tal-konvenut maghluqa *stante* li fit-terminu lilu moghti ma ressaq ebda provi; tad-19 ta' Gunju 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut u jinforma bis-seduti lil Dr. Albert Libreri. Wara tali seduti, il-provi tal-konvenut kien qed jigu minn dakinhar dikjarati maghluqa; tat-30 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-

finali trattazzjoni; tat-8 ta’ Jannar 2004 u tat-18 ta’ Frar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 9 ta’ April 2003 fejn huwa talab lil din il-Qorti sabiex hija tirrevoka d-digriet moghti minnha fid-9 ta’ April 2003 billi tippermetti lil konvenut jipprezenta l-affidavit tieghu u terga tikkonferma l-inkarigu moghti lil Perit Legali l-Avukat Ian Spiteri Bailey sabiex dan ikun jista’ jkompli jzomm almenu zewg seduti biex fihom isiru l-kontro-ezamijiet li fadal tal-attrici, ommha u Reuben Vassallo.

Rat id-digriet taghha ta’ l-10 ta’ April 2003 fejn il-Qorti laqghet t-talba tal-konvenut biss fis-sens li tipprefiggi terminu ta’ sebat ijiem ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenut. Cahdet mill-bqija l-kumplament tat-talba b’dan pero li tinnomina lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex fil-mori tad-differiment jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi. Il-Qorti ordnat ukoll lir-rikorrenti sabiex jinnotifika a spejjez tieghu dan id-digriet lil Dr. Marco Ciliberti u Dr. Vincent Galea;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ April, 2003 fejn gie nominat bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea.

Rat in-nota ta’ l-Avukati Dr. Michael Tanti Dougall u Dr. Marco Ciliberti pprezentati fit-30 ta’ April 2003.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Dr. David Camilleri pprezentata fis-16 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. Albert Libreri pprezentat fit-12 ta’ Gunju 2003 u li permezz tieghu huwa talab illi din il-Qorti tiddiferixxi l-kawza peress illi kien ser ikun okkupat f’guri.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Dr. Albert Libreri pprezentata fit-12 ta’ Gunju 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 13 ta’ Gunju 2003 u li permezz tieghu l-Qorti pprovdiet li tipprocedi seduta *stante*.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Perit Legali datati 24 ta' Ottubru 2001, 20 ta' Novembru 2001, 11 ta' Dicembru 2001, 21 ta' Marzu 2002, 18 ta' April 2002, 16 ta' Mejju 2002, 14 ta' Gunju 2002, 28 ta' Ottubru 2002, 9 ta' Dicembru 2002, 14 ta' Jannar 2003, 3 ta' Frar 2003, 12 ta' Marzu 2003, 14 ta' Mejju 2003, 9 ta' Gunju 2003 fejn ma sar xejn ghaliex ma nstemghet ebda xhieda.

Rat is-seduti ta' l-istess Perit Legali datati 28 ta' Mejju 2002, 17 ta' Lulju 2002 fejn xehed l-istess konvenut in subizzjoni, u l-istess fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2002 fejn xehed il-konvenut in subizzjoni.

Rat is-seduti quddiem l-istess Assistent Gudizzjarju datati l-1 ta' Ottubru 2003 fejn xehdet Josette Delmar in kontro-ezami u 24 ta' Ottubru 2003 u tal-24 ta' Novembru 2003 fejn xehed Reuben Vassallo in kontro-ezami u in ezami.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 13 ta' Mejju 2004 fejn talbet li tigi awtorizzata tipprezenta nota t'osservazzjonijiet, liema talba giet michuda mill-Qorti b'digriet tal-14 ta' Mejju 2004.

Rat id-dokumenti u l-affidavits esebiti.

Rat ix-xhieda mismugha mill-Perit Legali Dr. Ian Spiteri Bailey u l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit. L-attrici tghid illi kienet iltaqghet mal-konvenut waqt li hija u habiba taghha kienu fuq vaganza gewwa Sqallija. L-attrici u l-konvenut hargu flimkien f'din l-okkazjoni. Dan kien f'Dicembru 1995. Ftit tax-xhur qabel, l-attrici kienet ghadha kif spiccat minn relazzjoni li hija kellha ma' certu Brian. Qabel dan Brian kien hemm certu Carlo. L-attrici damet tohrog mal-konvenut minn Dicembru 1995 sa

Awissu 1998 meta fil-fatt izzewgu l-istess kontendenti bir-rit Civili. L-attrici kienet marret diversi drabi zzur lil-konvenut gewwa pajjizu – ghaxar darbiet b'kollox – u tghid illi *"fl-ambjent tieghu fi Sqallija, Domenico kien tip li tammirah, kien iqatta' hafna hin mieghi, u kien jaghtini l-attenzjoni tieghu u sahansitra, anke ghand ommu hadni"*. L-attrici xehdet illi hija kienet hallset il-passagg ta' l-ajru lill-konvenut u fil-fatt huwa gie Malta f'Gunju 1998. Wara li l-partijiet ivverifikaw x'certifikati ried il-konvenut sabiex huma jkunu jistghu jizzewgu, l-istess konvenut siefer u rega' rritorna lura Malta f'Lulju 1998. L-attrici tghid illi *"dak iz-zmien kien xtaq li jsib xoghol f'Malta u fil-fatt kien sab xoghol ghal ftit hin minghajr ktieb tax-xoghol. Izda peress li ried li jahdem bil-ktieb tax-xoghol wara li nsistejt jien, biex ma jkollniex inkwiet mal-awtoritajiet, konna ftehmna li jkun aktar facli ghalih li jgib il-permess tax-xoghol, jekk ikun mizzewweg Maltija. Fil-fatt, ghal dan il-ghan konna zzewwigna bic-civil fis-27 ta' Awissu 1998. Aktar tard nispjega li Domenico u jien izzewwigna bis-sagrament taz-zwieg fis-26 ta' Gunju 1999, kwazi sena wara z-zwieg civili taghna!"*.

Illi l-attrici tghid ukoll illi *"Dak iz-zmien, il-genituri tieghi kienu accettaw li Domenico jibda jghix u jorqod ghandna, u cjoe' fid-dar tal-genituri tieghi bil-kundizzjoni li Domenico jorqod fil-kamra ma' hija Josman, u jien nibqa norqod ghalija. Din il-pantomina baqghet ghaddejja ghal kwazi sena, sakemm izzewwigna bil-knisja. Fil-fatt, irrid nghid li nonostante li konna mizzewgin bic-civil, iz-zwieg taghna qatt ma kien ikkunsmat sal-gurnata taz-zwieg bil-knisja, u cjoe' kwazi sena wara!!*".

Dwar il-preparamenti tat-tieg, l-attrici tghid illi hija kellha tiehu hsieb kollox – mill-bidu sa l-ahhar. Il-konvenut ma ghamel assolutament xejn.

Illi l-istess attrici tghid illi l-konvenut inbidel hekk kif gie hawn Malta. Hija fil-fatt tghid illi *"Il-boghod mill-ambjent Sqalli tieghu, jien hassejt li Domenico ma baqax l-istess. Per ezempju, ma baqax jaghtini l-attenzjoni, ma baqax jghaddili kumplimenti, anzi beda sahansitra jikkritika kollox dwari, inkluz li ma kienx joghgbu xaghri, il-hwejjeg u l-*

*figura tieghi. Nghid li Domenico kien aktar jaghti kaz grupp ta' Sqallin mizzewgin lil tfajliet Maltin milli lili. Dawn l-Isqallin kien iltaqa' maghhom qabel ma zzewwigna, u kien iqatta' hafna hin maghhom. Kien dak iz-zmien li ukoll beda jinjorani daqs li kieku ma kontx nezisti"*. L-attrici tghid illi l-konvenut kien jabbanduna l-hin kollu ghal shabu. Hija fil-fatt tghid illi *"meta rajt din l-attitudni tieghu li jippreferi dejjem lil shabu minni, ma flahtx izjed, u bdejt inkellmu ghall-bzonn biss"*.

Illi skond ma xehdet l-attrici permezz ta' l-affidavit taghha, il-konvenut tant irrendielha hajjitha nfern illi hija bdiet tiehu kura medika minhabba d-*depression* li kienet qabditha.

Illi l-attrici tghid illi *"meta zzewwigt, jien kont nghidlu li mhux ser ikollu tfal minni, ghax ma kontx narah ragel addattat ghal familja"*. Dwar ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, l-attrici tghid illi *"meta kien ikollna x'naqsmu flimkien, jew ahjar, kien ikun irid hu, ghax jien le, qatt ma tajtu wicc, u meta kont naghtih wicc kontra qalbi, ghax ma kontx inhossni komda, kont nghidlu biex ifittex ilesti"*. L-attrici tghid ukoll illi *"kont qed niehu l-contraceptive pill fuq opinjoni ta' tabiba biex nikkura lili nnifsi. Lil hija kont ghidtlu wkoll li ser nibqa' niehu l-pill biex zgur ma ninqabadtx tqila "*.

Illi finalment l-attrici tghid illi *"meta kont ghadni zghira, kont pjuttost ferrihija, dejjem nidhak, b'dixxiplina li jekk il-ġenituri qaluli le f'xi haga, qatt ma mort kontra l-kelma taghhom. Meta kbirt, dejjem rajt kif tghaddi tieghi, jghidu x'jghidu l-genituri!"*.

Illi xehed bil-procedura ta' l-affidavit **Josman Delmar,** hu l-attrici li jghid illi ohtu ghandha rasha iebsa u ma thalliha lixxa lil hadd. Jghid ukoll illi l-attrici hija persuna riservata hafna. Dan ix-xhud jghid illi ohtu *"ghandha habta ukoll li trid kollox ezatt u kif suppost u miskin hu min jaghmel xi zball quddiemha, zghir jew kbir, ghax jaqla' hasla liema bhala. Imma minkejja li ohti ghandha rasha iebsa, stinata, dejjem lesta biex tahtaf u ccanfar lil dak li jkun u tgholli lehinha meta jitilghulha, ghandha ukoll qalb tad-deheb li mhix komuni. Qalbha zghira, tidhak malajr, tibki malajr u*

*thobb malajr ukoll. U meta thobb taf thobb bis-serjeta' u taghma*".

Illi dwar il-konvenut dan ix-xhud jghid illi *"Meta kont ghadni d-dar hu kien jorqod fl-istess kamra mieghi. Bejnietna ftit li xejn kien ikun hemm djalogu (mhux min-naha tieghi). Kont nipprova nkellmu imma ma tantx kien ikun anzjuz biex jitkellem u lanqas ma kien ifittixni u b'rispons ghal dan jien ma kontx infittxu lanqas ghax bhal donnu ma kellux pjacir bil-familja taghna. Jekk lil ohti kont tahsibha stramba (li fil-fatt mhix) dan kien stramb u migbud veru! Rari jitbissem, rari jitkellem u meta kont narah hekk kont nghid bejni u bejn ruhi, "Povra ohti jekk maghha jimxi l-istess*".

Illi dan ix-xhud jiddeskrivi l-avvenimenti waqt il-festin li l-kontendenti kellhom wara li ccelebraw iz-zwieg taghhom. Huwa jghid illi *"waqt it-tieg, kemm kemm kellimha lil ohti, ghax hlief idur u jitkellem u jiccacra ma' shabu ma qaghadx. Kemm kemm kellem lilna l-familjari!"* Dwar dan il-punt, dan ix-xhud ikompli jelabora u jghid illi *"Minn wara t-tieg taghha jiena u ohti ma konniex niltaqghu regolari. Niftakar li darba kont stedinthom ghal party u hu ma riedx jigi ghax ipprefera johrog ma' shabu bhas-soltu, imma ohti kienet giet"*. Dwar il-fatt ta' meta l-konvenut kien informa lil dan ix-xhud, li kif diga' nghad jigi hu l-attrici bl-intenzjoni tieghu li jitlaq ghal xi zmien lill-istess attrici, huwa jghid illi *"skond jien, ma kellux raguni valida biex jitlaq il-barra u jabbanduna lill-ohti; kienet biss skuza biex jghix hajja ta' guvni!*".

Illi omm l-attrici, **Josette Delmar** xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit, li jinsab a fol. 36 *et seq*. tal-process. Hija tghid illi *"Lil Elaine kemm-il darba ppruvajt inhassrilha minn ma' Domenico, u dan mhux biss ghaliex kien bla xoghol ma kienx jixirqilha, izda l-aktar minhabba li ma kellix pjacir bih meta sirt naf fuqu. Aktar ma nghidilha, aktar twebbes rasha u kien kollu ta' xejn"*. Hija tghid illi *"dak iz-zmien ma kinetx matura tant li ma seta' jwaqqafha hadd milli tkompli ma' Domenico"*. Dwar il-konvenut, din ix-xhud tghid illi *"lil Domenico kont narah indifferenti ghall-ahhar, ma kienx jghaddilha kumplimenti izda kien jghaddi kummenti dwarha, dwar kif tilbes, ecc.*"

Illi fis-seduta mizmuma fl-1 ta’ Ottubru 2003 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, xehdet in kontro-ezami **Josette Delmar**. Hija tghid illi fil-fatt kienet oggezzjonat li bintha tizzewweg lill-konvenut u dan peress illi l-familja ta’ l-attrici ma kienet taf xejn dwar l-istess konvenut. L-istess xhud tikkonferma l-fatt illi hija kienet qalet illi *“l-konvenut ma kienx jixraq lil binti. Ghidt hekk l-ghaliex binti hija ta’ l-iskola u l-konvenut huwa bajjad u jahdem fil-gypsum”*.

Illi dwar iz-zwieg ta’ bintha l-attrici mal-konvenut, din ix-xhud tghid illi *“jiena ghall-ewwel li zzewget binti ma kontx kuntenta, izda binti peress li riedet taghmel ta’ rasha, iddecidejt li nbaxxi rasi”*. Izzid tghid ukoll illi *“jista’ jkun li binti zzewget lil konvenut biex tinki lili”*. Omm l-attrici jzid tghid ukoll illi hija riedet lill-bintha *“tizzewweg bic-civili biss sabiex il-konvenut jkun jista’ jgib il-permess biex jahdem. Wara mbaghad kienet tista’ tizzewweg bil-knisja”*.

Illi omm l-attrici tghid illi hija kienet timponi r-rieda taghha fuq l-attrici *“pero’ minkejja dan xorta ghamlet ta’ rasha”*.

Illi a fol. 38 tal-process jinsab esebit l-affidavit ta’ **Reuben Vassallo**. Dan ix-xhud jghid illi huwa sar jaf lill-attrici fi Frar 1999, meta kienu bdew jahdmu fl-istess post tax-xoghol. Huwa jghid illi hu beda jghin lill-attrici sabiex tifttex post halli tikrih u tmur tghix fih mal-konvenut. Dan ix-xhud beda johrog mal-kontendenti f’din il-kawza u mhux l-ewwel darba li dawn l-istess kontendenti kienu jillatikaw quddiemu. Di fatti jghid illi *“Darba waqt wiehed minn dawn l-argumenti kont ghidt lil Elaine li jien mhux ser inkompli nfittxilhom post ghax irragunajt li kien ikun ahjar li kieku tibqa’ toqghod id-dar taht il-harsien t’ommha ghax is-sitwazzjoni ta’ bejniethom xejn ma kienet felici. Bdejna nohorgu flimkien it-tlieta li ahna fuq ghazla taghhom stess u bdejna niddiskutu l-problemi tal-hajja”*.

Illi jghid dan ix-xhud illi *“kull meta konna nkunu nitkellmu fuq il-hajja mizzewga u fuq l-impenn taghhom li ghandhom lejn xulxin Domenico kien juri ndifferenza kbira u Elaine mhux l-ewwel darba li kienet taqbad tibki u tivvomta actu. Kienet tidher li l-bicca qed ittiha gewwa u fethet qalbha*

*mieghi fuq l-imgieba ta' Domenico maghha u kemm ma kienx jirrispettaha minn mindu inghaqdu fiz-zwieg. Mohhu biss fil-hbieb u tbahrit tal-flus, ma' kienx bniedem li jgorr piz ta' familja, kienet tghid"*.

Illi meta l-konvenut iddecieda li jitlaq lill-attrici huwa kien qal lil dan ix-xhud b'din id-decizjoni tieghu u kien qallu ukoll illi huwa *"kien ser jitlaq mid-dar ghax kien iddejjaq, u xejn xejn jara jekk jimmissjahiex jew timmisjahx u wara forsi jerga' lura"*.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2003 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju xehed in kontro-ezami **Reuben Vassallo** li minnu l-attrici ghandha tarbija. Huwa jghid illi huwa ilu f'relazzjoni ma' l-attrici ghal dawn l-ahhar sentejn. Minn din ir-relazzjoni, u senjatament fit-3 ta' April 2002 twieldet tarbija. Huwa jghid illi beda johrog mal-attrici mill-bidu tas-sena 2001, pero' ilu jaf lill-attrici ghal madwar erba' jew hames snin.

Illi dan ix-xhud jghid illi huwa sar jaf lil-konvenut *tramite* l-attrici. Huwa jghid illi *"kien hemm perjodu ta' zmien fejn il-partijiet bdew jiggieldu u jillatikaw. Wasal zmien fejn bdejna nohorgu jiena, l-attrici u l-konvenut flimkien. F'dan iz-zmien bdew jargumentaw quddiemi"*. Ghall-ewwel dan ix-xhud beda jghin lill-kontendenti sabiex jipprovaw jsolvu l-problemi taghhom pero' wara xi zmien huwa kien infurmahom illi ma kienx lest li jkompli jghinhom. Xehed ukoll illi kien hemm okkazzjoni fejn huwa mar il-bahar wahdu ma' l-attrici u dan peress illi l-konvenut ma setax jmur minhabba x-xoghol.

Illi fil-24 ta' Novembru 2003, kompla bil-kontro-ezami tieghu dan ix-xhud. F'din is-seduta huwa qal illi *"dak iz-zmien li kont nohrog maghhom ma kont nohrog ma' hadd u dan peress illi kienet ghazla tieghi li naghmel hekk peress li kont membru fis-socjeta tal-Muzew"*. Pero' jzid jghid ukoll illi *"jekk mhux sejjer zball jiena spiccajt minn socju tal-Muzew lejn il-bidu tas-sena 2002. Din kienet t-terminazzjoni tieghi ufficjali mill-muzew, pero' kont ilni sena li waqaft minn socju"*. Dan ix-xhud jispjega ukoll illi meta telaq mid-dar matrimonjali l-konvenut, l-attrici kienet

qabditha depression u fil-fatt kienet bdiet tiehu xi medicinali. Jghid ukoll illi *"meta bdejt nohrog maghha jiena l-attrici waqfet milli tiehu l-pilloli. Naf illi meta kienet tigi l-Qorti kienet tiehu xi pilloli. Jiena rajt lill-attrici tiehu l-pilloli u rajt ukoll il-prescription tat-tabib"*.

Illi **l-konvenut** xehed in subizzjoni quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Spiteri Bailey fis-seduta mizmuma quddiem l-istess Perit Legali nhar it-28 ta' Mejju 2002. Huwa jghid illi kien iltaqa' ma' l-attrici gewwa Sqallija, meta l-attrici kienet qeghda fil-Hotel ta' kuginuh gewwa Catania. Huwa jghid illi z-zwieg kien gie propost mill-attrici. Huwa jghid pero' li f'dan iz-zmien *"ero confuso, perche' mi piaceva stare con lei pero non mi piaceva il discorso di sposare cosi presto"*. *Inoltre* huwa jghid illi *"Elaine mi ha proposto il matrimonio per due motivi, cioe' primo perche' abitavo a casa loro, cioe' dei genitori di Elaine, e per l'occhio sociale e il vicinato, che noi due fossimo sposati, e allora di non essere mai guardati dai vicini, e secondo per ottenere subito il permesso di lavoro qui a Malta"*. Huwa jzid jghid ukoll illi *"Elaine, teneva che io rimanessi qui a Malta"*. Jghid ukoll illi wara li zzewgu bic-civil, huma kienu jorqdu f'zewgt ikmamar separati fid-dar tal-genituri ta' l-attrici. Kien biss ftit qabel ma zzewgu bil-knisja li l-genituri ta' l-attrici ppermettew lill-kontendenti jorqdu fl-istess kamra, izda f'zewg sodod separati. Il-konvenut jghid illi kien f'dan iz-zmien illi gie kunsmat iz-zwieg taghhom.

Illi l-istess konvenut esebixxa affidavit tieghu li jinsab esebit a fol. 85 tal-process. Fih huwa jghid illi fi Sqallija huwa kellu xoghol regolari fis-sens illi kellu mpjieg *full-time* bhala bajjad u mpjieg *part-time* bhala *receptionist* fil-lukanda ta' kuginuh. Illi ghalhekk, huwa jghid, ma kellux bzonn jigi Malta halli jsib ix-xoghol. Dwar ir-relazzjonijiet intimi li kien ikollom bejniethom, il-konvenut jghid illi *"kont dejjem jien li kont infittex lil Elaine u mhux vice versa"* u *"anke wara li zzewwigna jien xtaqt li jkollna t-tfal, imma meta tkellimt fuq dan ma Elaine, hi kienet tghidli li ghal mument ma kenitx tixtieq li jkollha. Qatt ma tatni hjiel dwar meta kient lesta taccetta li jkollha t-tfal"*. Il-konvenut jghid illi xi zmien wara li zzewgu dahal fix-xena Rueben Vassallo. Il-konvenut jghid illi dan l-individwu beda

jindahal fil-problemi li kien qed ikollhom bejniethom l-kontendenti. Illi l-konvenut jwahhal f'dan Rueben Vassallo li r-relazzjoni tieghu ma' l-attrici spiccat. Il-konvenut jispicca l-affidavit tieghu billi jghid illi *"z-zwieg taghna falla proprjament minhabba n-nuqqas zejjed ta' mmaturita' ta' Elaine u anke probabbilment minhabba li dahal Vassallo fil-hajja taghna"*.

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attrici qeghda titlob illi z-zwieg taghha mal-konvenut – iccelebrat fis-26 ta' Gunju, 1999 – jigi dikjarat null u bla effett a tenur tal-**paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-ligijiet ta' Malta**. Hija tallega wkoll illi l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba simulazzjoni. Min-naha l-ohra, il-konvenut filwaqt li jaqbel li dan iz-zwieg ghandu jkun annullat a bazi tar-ragunijiet moghtija mill-attrici kellu jkun hemm modifika zghira u dan fis-sens illi fejn l-attrici talbet illi z-zwieg ghandu *"jigi dikjarat null minhabba nkapacita' tal-konvenut li jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, l-esponent jirrileva illi tali nkapacita' kienet tezisti fiz-zewg kontendenti".*

Illi l-Qorti sejra f'dan l-istadju tezamina r-rekwiziti ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

*"**(d**) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*

Illi din il-Qorti, kif ippreseduta, kellha diversi opportunitajiet tikkumenta fuq l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi. Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud noe vs**

**Amelie Pisani"** deciza fis-27 ta' Novembru, 2003 (Cit. nru. 316/2001/1), inghad illi:-

*"Illi z-zwieg, il-proprjetajiet essenzjali taz-zwieg u l-kunsens matrimonjali m'humiex definiti fl-Att dwar iz-zwieg u ghalhekk huwa opportun li ssir riferenza ghall-**kanoni 1055 §1; 1056; u 1057 § 2 tal-Kodici Kanoniku** li rispettivament jipprovdu:-*

*"The marriage covenant by which a man and a woman establish between themselves a partnership of their whole life, and which of its own very nature is ordered to the well-being of the spouses and to the procreation and up bringing of children, has between the baptised, been raised by Christ the Lord to the dignity of a sacrament".*

*"The essential properties of marriage are unity and indissolubility; in christian marriage they acquire a distinctive firmness by reason of the sacraments".*

*"Matrimonial consent is an act of the will by which a man and a woman by an irrevocable covenant mutually give and accept one another for the purpose of establishing a marriage."*

Illi fil-kunsens matrimonjali kif definit fil-fuq ikkwotat **kanone 1057 § 2** temergi l-komunjoni ta' hajja shiha jew *"totius vitae consortium"* ikkontemplata fil-fuq ikkwotat **kanone 1055 § 1**. Fil-**kanone 1057 § 2** huwa deskritt l-oggett tal-kunsens matrimonjali. *"This is none other than the man and the woman, that is in their conjugality, that is, in their respective natural sexual capacity as related to the ends of marriage. In other words, by means of the marriage covenant, the woman gives herself as a wife to the man, and the man gives himself as a husband to the woman, and they mutually accept each other as such."* (Notamenti dwar **kanone 1057 § 2** f'pagni 660 u 661 tal-**Code of Canon Law Annotated** - edited by ***E. Caparros, M. Theriault, J. Thorn****;* published by **Wilson & Lafleur Limited** - Montreal 1993.)

Illi sabiex ikun hemm l-imsemmi *"totius vitae consortium"* hija essenzjali l-prezenza fiz-zwieg tat-tliet *"bona matrimonii"* li kif jispjega l-awtur ***Jose F. Castagno*** huma:-

*"a)* ***bonum prolis****, che sta a significare la generatio atque educatio prolis del can. 1055 ... .;*

*b)* ***bonum fidei*** *o fedelta', che nei cann. 1056, 1101* § *2, 1134, viene chiamata unitas;*

*c)* ***bonum sacramenti*** *che e' lo stesso dell' indissolubilitas o vincolo perpetuo dei* ***cann. 1056, 1057*** **§** ***2, 1101*** **§** ***2,*** *1134."*

*(Pagni 61 u 62 tal-ktieb intitolat* **"Il Sacramento del Matrimonio"** - ***Jose. F. Castano O.P.*** - Seconda edizione Roma 1992.)

Illi dwar il-kunsens matrimonjali l-awtur ***Jose F. Castano*** jispjega:-

*".... il matrimonio, nel suo aspetto giuridico e concretamente, come actus quo ("in fieri"), e' un contratto consensuale, cio' che e' stato recepito nel can. 1057 con la clausola matrimonium facit partium consensus. Da cio' segue:*

*a) il consenso delle parti e' l'elemento piu' importante del matrimonio;*

*b) il consenso puo' essere viziato e quindi il matrimonio puo' essere invalidato a causa di uno dei vizi del consenso* **(cann. 1095-1103).** (Pagna 109 tal-fuq imsemmi ktieb intitolat: **"Il Sacramento del Matrimonio"**)

Illi dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha ***Jose F. Castano*** jikteb:-

*"La mancanza di sufficiente maturita' o il grave difetto di discrezione di gudizio, senza che debba essere*

*necessariamente una malattia nel suo significato tecnico, suole avere come causa una psicosi o personalita' psicopatica, una nevrosi, oppore un disordine nel meccanisno psichico che gli autori chiamano disordine di personalita'. Queste figure sono catalogate dagli specialisti come anomalie psichiche. ...” (Pagna 317 tal-fuq imsemmi ktieb:* **“Il Sacramento del Matrimonio”.**

Illi fil-**Code of Canon Law Annotated** hemm is-segwenti spjegazzjoni:-

*“... the expression discretion of judgement does not refer so much to cognitive resources or sufficient intellectual perception ... as to that degree of personal maturity which enables the contracting parties to discern in order to bind themselves to the essential rights and duties of marriage. ... The expression graVe lack refers to the discretion of judgement, which is a juridical concept. The cause of consensual incapacity and nullity of the act is not, therefore, the gravity of the psychic anomaly which is a medical concept and a case of fact, but the gravity of the lack of discretion of judgement. ... ... there is a grave lack when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner ... the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. ... …” (Pagna 686 tal-fuq imsemmi* **Code of Canon Law Annotated**.*)*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000);

**"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi l-attrici tibbaza wkoll l-azzjoni taghha fuq dak stipulat fl-**artikolu 19 (1) (f),** li jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens"*.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marica Mizzi vs Mario Scicluna"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002) hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu:

**"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'."* (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta’ u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista’ jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*“L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione <u>espressa</u> o <u>esplicita</u>, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato <u>implicitamente</u>. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione <u>implicita</u> vale a dire mediante <u>il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi”.* **(*O. Giacchi* – “*Il consenso matrimoniale canonico”*).**

**<u>(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti, hija l-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti illi l-ebda wahda miz-zewg partijiet ma kienet lesta li tikkommetti ruhha ghal dan iz-zwieg, u sabiex dan l-istess zwieg jirnexxi. Illi fil-fatt jirrizulta li l-kunsens ta’ l-attrici fl-ewwel lok kien simulat ghaliex eskludiet a *priori* l-element essenzjali tal-hajja mizzewga u cjoe’ l-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Qieghed jinghad hekk l-ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta – fir-rigward ta’ l-attrici – illi ghalkemm hija kienet thobb lill-konvenut, pero’ hija ma riditx jkollha tfal minnu. Dan hija tghidu espressament fl-affidavit taghha meta tghid illi *“meta zzewwigt, jien kont nghidlu li mhux ser ikollu tfal minni, ghax ma kontx narah ragel addattat ghall-familja”* u *“kont qed niehu l-contraceptive pill fuq opinjoni ta’ tabiba biex nikkura lili nnifsi. Lil hija kont ghidtlu ukoll li ser nibqa niehu l-pill biex zgur ma ninqabadtx tqila ”*.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car illi l-attrici eskludiet wiehed mill-elementi tal-*bona matrimonii* u cjoe' hija eskludiet il-*bonum prolis* minn mal-konvenut. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-istess konvenut meta fix-xhieda tieghu huwa jghid illi *"… wara li zzewwigna jien xtaqt li jkollna t-tfal, imma meta tkellimt fuq dan ma Elaine, hi kienet tghidli li ghal mument ma kenitx tixtieq li jkollha. Qatt ma tatni hjiel dwar meta kient lesta taccetta li jkollha t-tfal"*. Illi dan ifisser li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fir-rigward tal-konvenut jirrizulta illi meta dan gie Malta f'Gunju 1998 u sussegwentement f'Lulju 1998 huwa kien qieghed ifittex ix-xoghol f'dan il-pajjiz. Jinghad ukoll illi huwa diga' kellu relazzjoni mal-attrici f'dan iz-zmien, pero' meta l-kontendenti gew biex jizzewgu huwa kien konfuz u ma kienx qieghed joghgbu d-diskors li kien qieghed jinghad dwar iz-zwieg. Di fatti jghid fix-xhieda tieghu, mehuda quddiem il-Perit Legali illi *"ero confuso, perche' mi piaceva stare con lei pero non mi piaceva il discorso di sposare cosi presto"*. Il-konvenut jghid fix-xhieda tieghu illi *"Elaine mi ha proposto il matrimonio per due motivi, cioe' primo perche' abitavo a casa loro, cioe dei genitori di Elaine, e per l'occhio sociale e il vicinato, che noi due fossimo sposati, e allora di non essere mai guardati dai vicini, e secondo per ottenere subito il permesso di lavoro qui a Malta"*. Dan ukoll huwa indikativ ta' kemm il-partijiet riedu verament jidhlu ghal dan iz-zwieg konsapevoli tad-dmirijiet u obbligi taghhom. Dan l-ahhar punt u cjoe' li l-kontendenti zzewgu proprju biex il-konvenut jkun jista' jgib permess biex jahdem hawn Malta huwa kkonfermat ukoll minn omm l-attrici li tghid illi hija riedet lil-bintha *"tizzewweg bic-civili biss sabiex il-konvenut jkun jista jgib il-permess biex jahdem. Wara imbaghad kienet tista' tizzewweg bil-knisja"*.

Illi mix-xhieda mhux kontradetta fuq dan il-punt almenu, jirrizulta ippruvat illi l-konvenut qatt ma azzetta fil-hajja mizzewga. Dejjem ried jibqa' jghix hajja ta' guvni u di fatti hafna mill-inkwiet li kien ikollhom il-partijiet kien proprju fuq dan il-punt. L-attrici tghid illi *"Domenico kien aktar*

*jaghti kaz grupp ta' Sqallin mizzewgin lill-tfajliet Maltin milli lili. Dawn l-Isqallin kien iltaqa' maghhom qabel ma zzewwigna, u kien iqatta' hafna hin maghhom. Kien dak iz-zmien li ukoll beda jinjorani daqs li kieku ma kontx nezisti"*. L-attrici tghid illi l-konvenut kien jabbanduna l-hin kollu ghal shabu. Dan il-fatt huwa konfermat mill-membri tal-familja ta' l-attrici li xehdu f'dawn il-proceduri u senjatament omm, hu l-attriciu Rueben Vassallo. Fix-xhieda tieghu, per ezempju hu l-attrici Josman Delmar jghid illi *"waqt it-tieg, kemm kemm kellimha lil ohti, ghax hlief idur u jitkellem u jiccacra ma' shabu ma qaghadx. Kemm kemm kellem lilna l-familjari!"*. Dwar dan il-punt, dan ix-xhud jkompli jelabora u jghid illi *"Minn wara t-tieg taghha jiena u ohti ma konniex niltaqghu regolari. Niftakar li darba kont stedinthom ghall-party u hu ma riedx jigi ghax ipprefera johrog ma' shabu bhas-soltu, imma ohti kienet giet"*. Illi ghalhekk f'dan il-kaz jidher li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta'Malta.**

Illi in vista tal-fatt li din il-Qorti qeghda ssib li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Gunju 1999 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, u wkoll a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f)** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz u premess, **tilqa' t-talba atttrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat fis-26 ta' Gunju 1999 bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi u dan skond l-**artikolu 19 sub-artikolu (1) subincizi (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u skond **artikolu 19 sub-artikolu (1) subincizi (f) ta' l-istess Kap** ghar-ragunijet imputabbli lill-attrici, u konsegwentement

tordna li jsiru l-annotazzjonijiet opportuna fl-Att taz-Zwieg numru elf erba' mija tmienja u disghin tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1498/1998).

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------